

Brussell, 7 ta' Novembru 2018
(OR. en)

13787/18

FIN 846
INST 425
PE-L 52

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	13690/18
Suġġett:	Trasferiment ta' approprijazzjonijiet Nru DEC 29/2018 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2018

1. Fid-29 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għat-trasferiment ta' approprijazzjonijiet Nru DEC 29/2018.

L-għan ta' din il-proposta hu li jiġi ttrasferit f'approprijazzjonijiet ta' impenn (a/i) ammont ta' EUR 7 miljuni mill-Artikolu 21 02 01 (*Kooperazzjoni mal-Amerka Latina*), EUR 4 miljuni mill-Partita 23 03 02 02 (*Interventi rapidi u effiċjenti ta' rispons ta' emerġenza fil-każ ta' diżastri kbar f'pajjiżi terzi*) u EUR 16-il miljun mill-Artikolu 40 02 42 (*Riżerva għal għajjnuna f'emerġenza*) għall-Artikolu 23 02 01 (*Konsenja ta' għajjnuna umanitarja u assistenza alimentari rapidi, effikaċi u b'żonnjużi*), kif irreġistrat fid-dokument 13690/18.
2. It-trasferiment qed jiġi propost biex tingħata għajjnuna umanitarja fil-Venezwela, u lir-refuġjati u l-komunitajiet ospitanti fil-pajjiżi ġirien bi tweġiba għall-bżonnijiet sinifikanti u urġenti f'konformità mal-Pjan (Patt) għall-Venezwela maħruġ f'Ġunju 2018 għal ammont ta' EUR 27 miljun f'a/i.

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina din il-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tal-31 ta' Ottubru 2018.
4. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:
 - it-trasferiment ta' approprjazzjonijiet propost;
 - l-abbozz ta' ittra fl-ANNESS għal dak il-għan.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn : President tal-Kunsill

lil : President tal-Kummissjoni

kopja: President tal-Parlament Ewropew

Sinjur,

F'konformità mal-Artikolu 31(6) tar-Regolament Finanzjarju tat-18 ta' Lulju 2018¹, jiena ngħarrfek li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 29/2018 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2018.

(Formula ta' għeluq).

¹ Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE), 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).